

Wiċċ nazżjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2016/C 409/05)



Wiċċ nazżjonali għall-munita l-ġdida kommemorattiva ta' EUR 2, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mill-Andorra

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom status ta' valuta legali fiż-żona kollha tal-euro. Sabiex tinforma lill-pubbliku u l-partijiet kollha kkonċernati li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha ⁽¹⁾. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ⁽²⁾, l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jistipula l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti kommemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni kemm-il darba jintlaħqu ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jintużaw muniti taż-EUR 2 biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra ta' EUR 2, iżda l-wiċċ nazżjonali tagħhom ikun fih disinn kommemorattiv li jkun tassew simboliku f'termini nazżjonali jew Ewropej.

Il-pajjiż tal-ħruġ: Andorra

Is-suġġett tal-kommemorazzjoni: 150 sena mir-Riforma l-Ġdida tal-1866

Id-deskrizzjoni tad-disinn: Id-disinn juri s-sala prinċipali ta' "Casa de la Vall" (fil-bini tal-Parlament ta' Andorra) bl-iskrizzjoni "150 ANYS DE LA NOVA REFORMA DE 1866", is-sena tal-ħruġ "2016" u l-isem tal-Istat tal-ħruġ "ANDORRA". Din il-munita kommemorattiva tiċċelebra 150 sena mid-Digriet tar-Riforma l-Ġdida, wieħed mill-akbar passi fl-istorja ta' Andorra u tal-Consell General (il-Parlament ta' Andorra), li kien jirrappreżenta trasformazzjoni soċjali u politika fil-Prinċipat ta' Andorra.

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

L-għadd ta' muniti li se jinħarġu: 85 000

Id-data tal-istampar: Diċembru 2016

⁽¹⁾ Ara l-ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazżjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

⁽²⁾ Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazżjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).